



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10467/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0039(COD)

CODEC 1031
MAR 127
TRANS 452
EDUC 249
SOC 433
ETS 11
MI 529

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWORPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2017/2397 fir-rigward tal-miżuri ta' tranżizzjoni għar-rikonoxximent taċ-ċertifikati minn pajjiż terzi (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-18 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Marzu 2021².
3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

¹ 6209/21

² ĠU C 220, 9.6.2021, p. 87–87

4. Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat TRAN li tistqarr li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata fdik l-ittra, soġġett għal revizzjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-plenarja tiegħu tas- 6 ta' Lulju 2021.
6. Fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Lulju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tidher fid-dokument PE-CONS 55/21 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
7. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 55/21.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.